IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 6.7.2012
COM(2012) 388 final

2011/0177 (APP)

Proposta emendata għal

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL

## li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2014-2020

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA EMENDATA

Wara l-adozzjoni tal-proposta tagħha għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2014-2020[1] ("ir-Regolament MFF"), il-Kummissjoni ressqet proposti għall-atti leġiżlattivi kollha li jikkonċernaw il-programmi multiannwali għal dak il-perjodu. Kif dettaljat taħt fil-punt 2 hawn taħt, tnejn minn dawn il-proposti jimplikaw emendi għall-proposta għal Regolament MFF.

Huwa wkoll meħtieġ li tiġi aġġornata t-tabella tal-qafas finanzjarju multiannwali inkluża fl-anness ta' mar-Regolament MFF biex jitqiesu l-elementi li ġejjin:

(a) L-allokazzjonijiet għar-Repubblika tal-Kroazja għandhom jiġu miżjuda fil-proposta tal-Kummissjoni għall-UE-27 fuq il-bażi tal-Att ta' Adeżjoni ffirmat fid-9 ta' Diċembru 2011[2].

(b) Id-disponibbiltà ta' dejta ġdida għall-PDG reġjonali u għall-ING nazzjonali rriżultat f'bidliet fl-eliġibbiltà nazzjonali u reġjonali taħt il-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni u għalhekk f'rikalkulazzjoni tal-allokazzjonijiet nazzjonali u reġjonali.

(c) Il-previżjonijiet u l-projezzjonijiet makroekonomiċi l-aktar riċenti għandhom jiġu kkunsidrati biex jiġu kkalkulati l-allokazzjonijiet nazzjonali massimi għal Stati Membri li jkunu soġġetti għal pakketti ta' koeżjoni limitati u biex jesprimu l-limiti massimi tat-tabella MFF għall-perjodu 2014-2020 bħala perċentwali tal-ING tal-UE-28.

## 2. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA EMENDATA

L-emendi proposti għall-premessi u l-artikoli huma mmarkati b'tipa grassa u b'sing taħthom fil-Proposta Emendata mehmuża

### 2.1 L-Artikolu 7

Fil-15 ta' Novembru 2011 il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond tal-Asil u tal-Migrazzjoni u dwar l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni mal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet[3] ("ir-Regolament Orizzontali"), proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Fond tal-Asil u tal-Migrazzjoni[4], u proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni mal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni

[1] COM(2011) 398 finali tad-29.6.2011.
[2] ĠU L 112, 24.4.2012, p. 21.
[3] COM(2011) 752 finali.
[4] COM(2011) 751 finali.

tal-kriżijiet[5]. Fl-istess ġurnata, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument dwar l-appoġġ finanzjarju għal fruntieri esterni u l-viża[6]. It-tliet Regolamenti speċifiċi jipprovdu li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Orrizzontali għandhom japplikaw għalihom.

Fir-Regolament Orizzontali l-Kummissjoni ħabbret li se temenda l-proposta tagħha għal Regolament MFF biex testendi d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 għall-programmi implimentati taħt ġestjoni kondiviża skont il-Fond tal-Asil u tal-Migrazzjoni u l-Fond għas-Sigurtà Interna[7]. Din hija parti mill-inizjattiva tal-Kummissjoni li tarmonizza r-regoli applikabbli għal ġestjoni kondiviża. Għalhekk, filwaqt li għandu jsir kull sforz biex jiġi żgurat li l-programmi nazzjonali skont iż-żewġ Fondi huma adottati fl-2014, għandu jkun possibbli li jsir trasferiment għal snin sussegwenti tal-allokazzjonijiet mhux użati fl-2014 sabiex jiġi evitat li jintilfu l-approprjazzjonijiet ta' impenji relatati.

## 2.2 L-Artikolu 8 (u l-premessa Nru 7)

Fis-6 ta'Ottubru 2011, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u tas-Sajd koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1083/2006, (ir-"Regolament QSK")[8].

L-Artikolu 21 tar-Regolament QSK jipprovdi għal regoli fuq kundizzjonalità marbuta mal-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri, inkluż is-sospensjoni possibbli tal-impenji u tal-ħlasijiet għal programmi appoġġati mill-Fondi koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni.

L-aħħar paragrafu tal-Artikolu 21(8) ta' dak ir-Regolament jipprovdi li, meta l-kondizzjonijiet għat-tneħħija ta' sospensjoni tal-impenji jew tal-ħlasijiet ikunu sodisfatti, il-Kunsill fl-istess ħin, jiddeċiedi fuq proposta tal-Kummissjoni, biex jerġa' jipprovdi l-baġit għall-impenji sospiżi skont l-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2014-2020.

Konsegwentement, l-Artikolu 8 (u l-premessa Nru 7) irid jiġi emendat kif xieraq biex jippermetti t-trasferiment u l-ibbaġittjar mill-ġdid tal-impenji sospiżi.

L-Artikolu 6 japplika għal deċiżjonijiet relatati mat-tneħħija ta' sospensjoni tal-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet.

5 COM(2011) 753 finali.
6 COM(2011) 750 finali.
7 COM (2011) 752 finali, il-punt 5.1. tal-memorandum ta' spjegazzjoni, paġna 7, l-aħħar punt bulit.
8 COM(2011) 615 finali.

### 2.3 L-Artikolu 11 u l-Artikolu 11a l-ġdid (u l-premessa Nru 7 u l-Artikolu 9(5))

Lil hinn miż-żewġ bidliet ta' hawn fuq li jirriżultaw minn proposti leġiżlattivi dwar programmi multiannwali, il-Kummissjoni tipproponi wkoll l-emendi tal-Artikolu 11 tal-proposta tagħha għal Regolament MFF: Għal raġunijiet ta' ċarezza legali u ta' terminoloġija, hi qed tipproponi li l-Artikolu 11 jinqasam f'żewġ Artikoli, sabiex issir distinzjoni bejn il-każ tal-adeżjoni ta' Stat Membru ġdid mal-Unjoni u dak tar-riunifikazzjoni ta' Ċipru. Dan jeħtieġ li l-premessa Nru 7 u l-Artikolu 9(5) jiġu emendati b'mod xieraq.

### 2.4 L-emendi tal-premessa Nru 8 u tal-Artikolu 5

Għall-finijiet ta' kjarifika, u minħabba d-disponibbiltà ta' previżjonijiet makroekonomiċi aktar riċenti, saru xi emendi minuri fil-premessa Nru 8 u fl-Artikolu 5 tal-proposta.

## 3. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

### 3.1 L-inklużjoni tal-allokazzjonijiet għall-Kroazja fit-tabella MFF

Jeħtieġ li jiżdiedu l-allokazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi għar-Repubblika tal-Kroazja jeħtieġu fil-proposta għall-Fondi Strutturali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd, il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil u l-Fond għas-Sigurtà Interna.

Dawn l-allokazzjonijiet huma kkalkulati fuq il-bażi tal-istess metodoloġija applikata għall-UE-27, soġġetti għad-dispożizzjonijiet tranżitorji stipulati fl-Att tal-Adeżjoni.

Għaldaqstant, għall-Fondi Strutturali u għall-Fond ta' Koeżjoni, l-ammonti kkalkulati fuq il-bażi tal-metodu ta' allokazzjoni propost għall-perjodu 2014-2020 huma soġġetti għal aġġustament doppju:

– Skeda ta' introduzzjoni gradwali ta' 70 % għas-sena 2014 u ta' 90 % għas-sena 2015;

– L-allokazzjonijiet għall-2014 u għall-2015 għandhom jammontaw rispettivament għal 2.33 darbiet u 3 darbiet aktar mill-allokazzjoni għall-2013 sakemm il-limiti tal-acquis il-ġdid ikunu jippermettuh (jiġifieri rata ta' limitu ta' 2,5 % tal-PDG nazzjonali ma jistax jinkiser).

Fir-rigward tal-PAK:

– Għal miżuri tas-suq l-allokazzjoni hija kkalkulata fuq l-applikazzjoni sħiħa tal-acquis, soġġetta għall-kundizzjonijiet speċjali stipulati fl-Att tal-Adeżjoni għas-settur tal-inbid;

– Għall-ħlasijiet diretti, l-istess skeda ta' introduzzjoni gradwali ta' 10 snin hija applikata fuq il-livell applikabbli ta' tali ħlasijiet fl-UE-15 kif kien il-każ għall-Istati Membri li ssieħbu fl-1 ta' Mejju 2004 u fl-1 ta' Jannar 2007;

– Għall-iżvilupp rurali, l-allokazzjoni hija bbażata fuq l-istess metodoloġija li l-Kummissjoni applikat għall-ammonti globali għall-UE-27. L-Att tal-Adeżjoni ma jipprevedix perjodu ta' introduzzjoni gradwali.

Fir-rigward tal-FEMS, l-allokazzjoni hija soġġetta għall-istess aġġustament doppju għas-snin 2014-2015 (introduzzjoni gradwali u multiplikatur) kif inhu l-każ għall-fondi strutturali u ta' koeżjoni.

Il-Kroazja se tipparteċipa bis-sħiħ fil-Fond tal-Asil u tal-Migrazzjoni mill-2014. Hija se tirċievi allokazzjoni speċjali ta' 'Schengen' għas-sena 2014 u konsegwentement mhux se tibbenefika mill-qasam tal-fruntieri esterni u tal-viża tal-Fond għas-Sigurtà Interna għal dik is-sena.

Barra minn hekk, il-Kroazja tirċievi "faċilità tal-flussi tal-flus" temporanja sabiex ittejjeb il-pożizzjoni baġitarja netta tagħha għall-2014.

Minbarra li tibbenefika minn dawn l-ammonti allokati minn qabel, il-Kroazja tipparteċipa wkoll bis-sħiħ fil-politiki interni l-oħra kollha. Għaldaqstant jeħtieġ li l-pakketti kollha li ma ġewx allokati minn qabel jiġu aġġustati kif xieraq. Ġie applikat l-istess approċċ użat għall-ammonti tal-2013 għall-għeluq tan-negozjati tal-adeżjoni - jiġifieri l-ammonti jiġu kkalkulati fi proporzjon għas-sehem tal-Kroazja fil-PDG u fil-popolazzjoni tal-UE-27, u dan jirriżulta f'żieda ta' 0,62 % fil-pakketti kollha mhux allokati minn qabel li ġew proposti[9].

Anke l-Intestatura 5 għandha tiġi aġġornata biex tieħu inkonsiderazzjoni l-ħtiġijiet tan-nefqa amministrattiva addizzjonali li tirriżulta mill-adeżjoni tal-Kroazja. Bl-adeżjoni tal-Kroazja u għall-ġestjoni ta' Unjoni mkabbra, se jinħtieġu riżorsi addizzjonali l-aktar għal kompiti lingwistiċi, legali u ta' ġestjoni ta' programmi. Għall-Kummissjoni biss, ir-rinfurzar nett meħtieġ se jammonta għal 384 unità addizzjonali ekwivalenti għal full-time, l-aktar f'forma ta' postijiet vakanti li jridu jiżdiedu progressivament fit-tabella tal-persunal sal-2014. L-Istituzzjonijiet l-oħrajn se jeħtieġu riżorsi addizzjonali l-aktar għan-nefqa lingwistika u legali, għan-nefqa fuq tagħmir u fuq l-operat, għall-attivitajiet ta' komunikazzjoni u l-kompiti għall-ġestjoni tal-IT, li jeħtieġu rinfurzar nett ta' madwar 274 unità addizzjonali ekwivalenti għal full-time l-aktar f'forma ta' postijiet vakanti. Dawk il-postijiet vakanti addizzjonali se jiffaċilitaw ukoll l-integrazzjoni ta' ċittadini Kroati biex jiġi żgurat bilanċ ġeografiku. Huwa stmat li l-ispiża addizzjonali għall-perjodu 2014-2020 għall-istituzzjonijiet kollha hija ta' EUR 536 miljun (prezzijiet tal-2011).

Fl-aħħar, l-impatt ta' dawn l-impenji addizzjonali jrid jiżdied mal-limiti massimi annwali globali tal-ħlasijiet fuq il-bażi tal-istess skedi tal-ħlasijiet użati għall-UE-27.

L-ammonti addizzjonali li jirriżultaw huma miġbura fit-tabella ta' hawn taħt. Il-limiti massimi proposti għall-UE-27 jeħtieġu li jiġu aġġustati b'mod xieraq.

---

9 Is-sehem tal-Kroazja fil-popolazzjoni u fl-ING tal-UE 27 jammonta għal 0,62 %. Dan is-sehem kien użat biex jiġu stabbiliti l-ammonti għall-2013 fil-Pożizzjoni Komuni f'Kapitolu 33 – Dispożizzjonijiet Finanzjarji u Baġitarji.

**Ammonti addizzjonali għall-Kroazja fl-MFF 2014-2020**

*(f'miljuni ta' EUR - prezzijiet tal-2011)*

| APPROPRJAZZJONIJIET GĦALL-IMPENJI | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | Total 2014-2020 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **1. Tkabbir intelliġenti u inkluživ** | **1.088** | **1.295** | **1.330** | **1.361** | **1.395** | **1.428** | **1.462** | **9.360** |
| li minnhom: Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 1.011 | 1.214 | 1.244 | 1.271 | 1.300 | 1.329 | 1.358 | 8.728 |
| **2. Tkabbir sostenibbli: Riżorsi naturali** | **458** | **477** | **488** | **496** | **520** | **542** | **564** | **3.545** |
| li minnhom: Nefqa relatata mas-suq u ħlasijiet diretti | 118 | 134 | 148 | 163 | 193 | 222 | 249 | 1.227 |
| **3. Sigurtà u Ċittadinanza** | **88** | **31** | **31** | **31** | **31** | **31** | **31** | **273** |
| **4. L-Ewropa fid-dinja** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** |
| **5. Amministrazzjoni** | **80** | **76** | **76** | **76** | **76** | **76** | **76** | **536** |
| li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet | 80 | 76 | 76 | 76 | 76 | 76 | 76 | 536 |
| **6. Kumpensi** | **27** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **27** |
| **APPROPRJAZZJONIJIET TOTALI GĦALL-IMPENJI** | **1.741** | **1.879** | **1.925** | **1.964** | **2.021** | **2.078** | **2.133** | **13.741** |
| **APPROPRJAZZJONIJIET TOTALI GĦALL-ĦLASIJIET** | **550** | **877** | **1.284** | **1.640** | **1.764** | **1.941** | **1.900** | **9.956** |

### 3.2 L-aġġornament tal-limitu massimu għal Tkabbir Intelliġenti u Inklużiv u s-sublimitu għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali

L-allokazzjonijiet tal-koeżjoni fil-proposti tal-Kummissjoni kienu bbażati fuq l-aħħar dejta disponibbli meta l-proposti kienu adottati, jiġifieri l-medja reġjonali tal-PDG għas-snin 2006-2008, id-dejta reġjonali dwar l-edukazzjoni u s-suq tax-xogħol għas-snin 2007-2009, il-medja tal-ING għas-snin 2007-2009, kif ukoll il-previżjoni makroekonomiku tar-rebbiegħa 2011 u l-projezzjonijiet fuq terminu medju ta' miegħu.

Wara l-pubblikazzjoni tad-dejta reġjonali dwar il-PDG għall-2009, tad-dejta reġjonali dwar l-edukazzjoni u s-suq tax-xogħol għall-2010, u tad-dejta tal-ING għall-2010, dawn il-proposti issa jridu jiġu aġġornati. Il-medja ta' tliet snin li tiddetermina l-eliġibbiltà tikkonċerna l-perjodu 2007-2009 għal PDG reġjonali u l-perjodu 2008-2010 għall-ING. Barra minn hekk, il-pakketti massimi għal dawk l-Istati Membri soġġetti għal limitu ta' 2,5 % tal-PDG nazzjonali issa huma kkalkulati abbażi tal-previżjoni tar-rebbiegħa 2012 u tal-projezzjonijiet aġġornati fuq terminu medju.

Dan jirriżulta fil-bidliet li ġejjin fl-allokazzjoni globali għall-UE-27:

*(f'miljuni ta' EUR - prezzijiet tal-2011)*

| APPROPRJAZZJONIJIET GĦALL-IMPENJI | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | Total 2014-2020 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **1. Tkabbir intelliġenti u inklużiv** | **-1.015** | **-860** | **-610** | **-573** | **-675** | **-810** | **-963** | **-5.506** |
| li minnhom: Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | -1.015 | -860 | -610 | -573 | -675 | -810 | -963 | -5.506 |

### 3.3 L-aġġornament tal-limiti massimi globali għall-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet

Jeħtieġu li l-limiti massimi annwali globali għall-ħlasijiet jiġu aġġornati abbażi tal-aktar tagħrif riċenti disponibbli:

– It-twettiq tal-baġit għas-sena 2011

– Il-baġit adottat għas-sena 2012

– L-abbozz tal-baġit għas-sena 2013 u l-iskedi ta' ħlasijiet riveduti ta' miegħu

### 3.4 L-aġġornament tal-limiti massimi annwali globali tal-impenji u tal-ħlasijiet espressi bħala perċentwali tal-UE-ING

Fl-aħħar, jeħtieġ li l-limiti massimi annwali globali għall-impenji u l-ħlasijiet tat-tabella MFF, kif modifikat taħt it-taqsimiet 3.1 u 3.2 hawn fuq, jiġu espressi f'termini ta' perċentwali ta' UE-28 ING, ikkalkulati fuq il-bażi tal-previżjoni makroekonomiku tar-rebbiegħa 2012 tal-Kummissjoni u tal-projezzjonijiet aġġornati fuq terminu medju.

2011/0177 (APP)

Proposta emendata għal

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2014-2020**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 312 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea[10],

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew[11],

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) Il-limiti massimi annwali tal-approprjazzjonijiet għall-impenji skont il-kategorija tan-nefqa u l-limiti massimi annwali fuq l-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament għandhom jirrispettaw il-limiti massimi stabbiliti għall-impenji u r-riżorsi proprji fid-[Deċiżjoni tal-Kunsill XXXX/XX/UE, Euratom].

(2) Meta titqies il-ħtieġa ta' livell adegwat ta' prevedibbiltà għat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' investimenti fuq terminu medju, it-tul tal-qafas finanzjarju għandu jiġi stabbilit għal seba' snin li jibdew mill-1 ta' Jannar 2014, b'valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-qafas finanzjarju f'nofs dan il-perjodu. Ir-riżultati ta' din il-valutazzjoni għandhom jitqiesu matul l-aħħar tliet snin tul il-perjodu tal-qafas finanzjarju.

(3) Strumenti speċjali, ir-Riżerva għall-Għajnuna ta' Emerġenza, il-Fond tas-Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, l-Istrument tal-Flessibbiltà, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, ir-Riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu u l-Marġini ta' Kontinġenza huma meħtieġa biex jippermettu lill-Unjoni tirreaġixxi għal ċirkostanzi speċifiċi mhux previsti jew biex jippermettu l-finanzjament ta' nefqa identifikata b'mod ċar li ma setgħetx tiġi ffinanzjata fi ħdan il-limiti massimi disponibbli għal intestatura waħda jew aktar kif stabbilit fil-qafas finanzjarju._Għalhekk hu neċessarju li jkun hemm dispożizzjonijiet speċifiċi għal possibbiltà li jiddaħħlu fil-baġit

10 ĠU C , , p. .

11 ĠU C , , p. .

approprjazzjonijiet għall-impenji li jissuperaw il-limiti massimi stabbiliti fil-qafas finanzjarju, fejn ikun meħtieġ li jintużaw strumenti speċjali.

(4) Jekk ikun meħtieġ li jiġu mmobilizzati l-garanziji baġitarji tal-Unjoni għas-self ipprovdut fil-qafas tal-Faċilità tal-Bilanċ tal-Ħlasijiet u tal-Mekkaniżmu Ewropew tal-Istabbilizzazzjoni Finanzjarja stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri[12] u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja[13], l-ammont neċessarju għandu jiġi mmobilizzat b'tali mod li jaqbeż il-limiti massimi tal-approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet tal-qafas finanzjarju filwaqt li jiġi rrispettat il-limitu massimu tar-riżorsi proprji.

(5) Il-qafas finanzjarju għandu jiġi stabbilit bil-prezzijiet tal-2011. Għandhom jiġu stabbiliti wkoll ir-regoli għall-aġġustamenti tekniċi tal-qafas finanzjarju biex jiġu kkalkulati mill-ġdid il-limiti massimi u l-marġini disponibbli.

(6) Il-qafas finanzjarju m'għandux iqis il-partiti tal-baġit iffinanzjati mid-dħul assenjat fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru [xxx/201x] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' […] dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit annwali tal-Unjoni[14].

(7) Għandhom jiġu stabbiliti regoli għal sitwazzjonijiet oħra li jistgħu jitolbu aġġustament tal-qafas finanzjarju. Dawk l-aġġustamenti jistgħu jkunu relatati mal-implimentazzjoni tal-baġit, mal-**kundizzjonijiet makroekonomiċi marbuta mal-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri** ~~tad-eficit tal-gvern eċċessiv~~, mar-reviżjoni tat-Trattati, mat-tkabbir, **mar-riunifikazzjoni ta' Ċipru**, jew mad-dewmien fl-adozzjoni ta' regoli ġodda li jirregolaw ċerti oqsma ta' politika.

(8) Il-pakketti nazzjonali li jiffavorixxu l-**politika** ta' koeżjoni~~għat-tkabbir u l-impjiegi~~ huma stabbiliti fuq il-bażi tal-previżjoni għall-Prodott Domestiku Gross (minn hawn 'il quddiem il-"PDG") tar-rebbiegħa 201**2**~~1~~. Fid-dawl tal-inċertezzi fil-previżjoni u tal-impatt għall-Istati Membri b'limitu massimu, għandha ssir valutazzjoni f'nofs it-terminu sabiex isir tqabbil bejn il-PDG imbassar u l-PDG reali u l-impatt tiegħu fuq il-pakketti. F'każ li l-PDG għall-2014-2016 jitbiegħed b'aktar minn +/- 5 % mill-previżjoni użata fl-201**2**~~1~~, ikun meħtieġ li l-pakketti għall-2018-2020 għall-Istati Membri kkonċernati jiġu aġġustati. Huwa meħtieġ li jiġu previsti r-regoli għal dan l-aġġustament.

(9) Jista' jkun meħtieġ li l-qafas finanzjarju jiġi revedut fil-każ ta' ċirkostanzi mhux previsti li ma jkunux jistgħu jiġu trattati fi ħdan il-limiti massimi stabbiliti tal-qafas finanzjarju. Għalhekk, huwa neċessarju li jkun hemm dispożizzjoni għal reviżjoni tal-qafas finanzjarju f'każijiet bħal dawn.

(10) Huwa neċessarju li jkun hemm dispożizzjoni għal regoli ġenerali dwar kooperazzjoni interistituzzjonali fil-proċedura baġitarja.

---

[12] ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1

[13] ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1.

[14] ĠU L .

(11) Sabiex il-proċedura baġitarja tkun tista' taħdem mingħajr problemi, hu meħtieġ li jiġu previsti r-regoli bażiċi għall-ibbaġittjar tan-nefqa għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u ammont globali għall-perjodu kopert mill-qafas finanzjarju.

(12) L-arranġamenti ddettaljati dwar il-kooperazzjoni interistituzzjonali fil-proċedura baġitarja u dwar l-ibbaġittjar tan-nefqa għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni huma stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali ta' […] 201x bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u ġestjoni finanzjarja tajba[15].

(13) Huma meħtieġa wkoll regoli speċifiċi sabiex wieħed jittratta l-proġetti l-kbar tal-infrastruttura li l-ħajja tagħhom tmur sostanzjalment lil hinn mill-perjodu stabbilit għall-qafas finanzjarju. Huwa neċessarju li jiġu stabbiliti ammonti massimi għall-kontribuzzjonijiet mill-baġit tal-Unjoni għal dawk il-proġetti. Dawk it-talbiet m'għandu jkollhom l-ebda impatt fuq proġetti oħra ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni.

(14) Il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta għall-qafas finanzjarju multiannwali l-ġdid qabel l-1 ta' Jannar 2018 sabiex l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jadottawh kmieni biżżejjed qabel jibda l-qafas finanzjarju li jmiss. Il-qafas finanzjarju stabbilit f'dan ir-Regolament għandu jibqa' japplika jekk il-qafas finanzjarju l-ġdid ma jiġix adottat qabel it-tmiem tat-terminu tal-qafas finanzjarju stabbilit f'dan ir-Regolament,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

*Il-Qafas Finanzjarju Multiannwali*

Il-qafas finanzjarju multiannwali għall-perjodu 2014-2020 (minn issa 'l quddiem imsejjaħ il-qafas finanzjarju) hu stabbilit fl-Anness.

*Artikolu 2*

*Konformità mal-limiti massimi tal-qafas finanzjarju*

1. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jkunu konformi mal-limiti massimi tan-nefqa annwali, stabbiliti fil-qafas finanzjarju, waqt kull proċedura baġitarja u meta jiġi implimentat il-baġit għas-sena kkonċernata.

<u>**2.**</u> L-approprjazzjonijiet għall-impenji jistgħu jiddaħħlu fil-baġit lil hinn mil-limiti massimi tal-intestaturi relevanti stabbiliti fil-qafas finanzjarju fejn huwa neċessarju li jintużaw ir-riżorsi mir-Riżerva tal-Għajnuna ta' Emerġenza, mill-Fond tas-Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, l-Istrument tal-Flessibbiltà, il-Fond Ewropew tal-Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, ir-Riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu u l-Marġini ta' Kontinġenza f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002[16], ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17], ir-

---

[15] ĠU C …

[16] ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

[17] ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

Regolament Nru xxxx/201x tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18] u l-Ftehim Interistituzzjonali ta' […] 201x dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-ġestjoni finanzjarja tajba (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Interistituzzjonali").

3. Fejn ikun meħtieġ li tiġi mmobilizzata garanzija għal self koperta mill-baġit tal-Unjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 332/2002 jew ir-Regolament (UE) Nru 407/2010, din għandha tkun lil hinn mil-limiti massimi stabbiliti fil-qafas finanzjarju.

*Artikolu 3*

*Ir-Rispett tal-limitu massimu tar-riżorsi proprji*

1. Għal kull waħda mis-snin koperti mill-qafas finanzjarju, l-approprjazzjonijiet totali għall-ħlasijiet meħtieġa, wara li jsir l-aġġustament annwali u wara li jitqiesu kwalunkwe aġġustamenti jew reviżjonijiet oħra, kif ukoll l-applikazzjoni tal-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 2, ma jistgħux ikunu tali li jipproduċu rata għall-ġbir tar-riżorsi proprji li taqbeż il-limitu massimu tar-riżorsi proprji stabbilit skont id-[Deċiżjoni XXXX/XX/UE, Euratom].

2. Fejn ikun meħtieġ, il-limiti massimi stabbiliti fil-qafas finanzjarju jitbaxxew sabiex tiġi żgurata konformità mal-limitu massimu tar-riżorsi proprji stabbilit skont id-[Deċiżjoni XXXX/XX/UE, Euratom].

*Artikolu 4*

*Aġġustamenti tekniċi*

1. Kull sena l-Kummissjoni, biex taġixxi qabel il-proċedura baġitarja għas-sena n+1, tagħmel l-aġġustamenti tekniċi li ġejjin fil-qafas finanzjarju:

(a) rivalorizzar, skont il-prezzijiet tas-sena n+1, tal-limiti massimi u tal-figuri globali għall-approprjazzjonijiet għall-impenji kif ukoll għall-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet;

(b) kalkolu tal-marġini disponibbli taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji stabbilit skont id-[Deċiżjoni XXXX/XX/UE, Euratom];

(c) kalkolu tal-ammont assolut tal-Marġini ta' Kontinġenza stipulat fil-Punt 15 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

2. Il-Kummissjoni twettaq l-aġġustamenti tekniċi msemmija fil-paragrafu 1 fuq il-bażi ta’ deflatur fiss ta’ 2 % kull sena.

3. Il-Kummissjoni tikkomunika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ir-riżultati tal-aġġustamenti tekniċi msemmija fil-paragrafu 1 u l-previżjonijiet ekonomiċi sottostanti.

---

18 ĠU L , , p.

4. Ma jista' jsir l-ebda aġġustament tekniku ieħor fir-rigward tas-sena inkwistjoni, la matul is-sena u lanqas bħala korezzjonijiet *ex-post* fis-snin sussegwenti.

*Artikolu 5*

*Aġġustament tal-pakketti li jiffavorixxu l-politika ta' koeżjoni*

1. Matul l-aġġustament tekniku għas-sena 2018, jekk jiġi stabbilit li l-Prodott Domestiku Gross ("PDG") kumulattiv ta' kwalunkwe Stat Membru **b'limitu massimu** għas-snin 2014-2016 ikun tbiegħed b'aktar minn +/- 5 % mill-PDG kumulattiv stmat fl-201**2**~~1~~ għall-istabbiliment tal-pakketti li jiffavorixxu l-politika ta' koeżjoni tal-Istati Membri għall-perjodu 2014-2020, il-Kummissjoni taġġusta l-ammonti allokati mill-fondi li jappoġġjaw il-koeżjoni għall-Istat Membru kkonċernat għal dak il-perjodu.

2. L-effett nett totali, kemm jekk pożittiv kif ukoll jekk negattiv, tal-aġġustamenti msemmija fil-paragrafu 1, m'għandux jaqbeż it-EUR 3 biljun.

3. L-aġġustamenti mitluba jinxterdu fi proporzjonijiet indaqs tul is-snin 2018-2020 u l-limiti massimi korrispondenti tal-qafas finanzjarju jkunu mmodifikati skont il-ħtieġa.

*Artikolu 6*

*Aġġustamenti relatati mal-implimentazzjoni*

Meta tinnotifika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bir-riżultati tal-aġġustamenti tekniċi fil-qafas finanzjarju, il-Kummissjoni tippreżenta kwalunkwe proposti għal aġġustamenti fl-approprjazzjonijiet totali għall-ħlasijiet li din tkun tqis bħala meħtieġa, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-implimentazzjoni, biex tiżgura progress ordnat fir-rigward tal-approprjazzjonijiet għall-impenji. Id-deċiżjonijiet dwar dawn il-proposti jittieħdu qabel l-1 ta' Mejju tas-sena n.

*Artikolu 7*

*Aġġustament ta' Fondi Strutturali, tal-Fond ta' Koeżjoni, **tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-**Iżvilupp Rurali ~~Fond u~~, tal-**Fond** Ewropew ~~Fond għal~~**Marittimu u** tas-Sajd, tal-**Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil u tal-Fond għas-Sigurtà Interna***

1. F'każ li wara l-1 ta' Jannar 2014, jiġu adottati regoli ġodda jew programmi **taħt ġestjoni kondiviża** ~~li tirregola~~ għall-Fondi Strutturali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-**Fond Agrikolu Ewropew għall-**Iżvilupp Rurali ~~Fond u~~, il-Fond Ewropew ~~Fond~~ Marittimu u għas-Sajd, **il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil u għall-Fond għas-Sigurtà Interna**, il-qafas finanzjarju jiġi aġġustat sabiex jiġu trasferiti għal snin sussegwenti, lil hinn mil-limiti massimi tan-nefqa korrispondenti, l-allokazzjonijiet li ma jintużawx fl-2014.

2. L-aġġustament li jikkonċerna t-trasferiment ta' allokazzjonijiet mhux użati għas-sena 2014, jiġi adottat qabel l-1 ta' Mejju 2015.

*Artikolu 8*

*Aġġustamenti marbuta mal-**kundizzjonijiet makroekonomiċi marbuta** ~~mad-deficit tal-gvern eċċessiv~~ **mal-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri***

Fil-każ tat-tneħħija ta' sospensjoni tal-impenji baġitarji li jirrigwardaw **il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew,** il-Fond ta' Koeżjoni, **il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew Marittimu u għas-Sajd** fil-kuntest ta' **kundizzjonijiet makroekonomiċi marbuta** ~~ma' proċedura ta' deficit eċċessiva~~ **mal-koordinazzjoni ta' politiki ekonomiċi tal-Istati Membri**, il-Kunsill, skont it-Trattat u f'konformità mal-att bażiku relevanti, jiddeċiedi dwar trasferiment ta' impenji sospiżi għas-snin ta' wara. L-impenji sospiżi tas-sena n ma jistgħux jerġgħu jidħlu fil-baġit ta' wara s-sena n+2.

*Artikolu 9*

*Reviżjoni tal-qafas finanzjarju*

1. F'każ ta' ċirkostanzi mhux previsti, il-qafas finanzjarju jista' jiġi revedut f'konformità mal-limitu massimu tar-riżorsi proprji stabbilit f'konformità ma' [Deċiżjoni XXXX/XX/UE, Euratom].

2. Kwalunkwe reviżjoni tal-qafas finanzjarju f'konformità mal-paragrafu 1 tqis il-possibbiltà għar-riallokazzjoni tan-nefqa bejn il-programmi koperti mill-intestatura kkonċernata mir-reviżjoni, b'referenza partikolari għal kwalunkwe nuqqas ta' utilizzazzjoni mistennija tal-approprjazzjonijiet. Fejn ikun possibbli, jiġi lliberat ammont sinifikanti, f'termini assoluti u bħala perċentwal tan-nefqa l-ġdida ppjanata, li jkun fil-limitu massimu eżistenti għall-intestatura.

3. Kwalunkwe reviżjoni tal-qafas finanzjarju f'konformità mal-paragrafu 1 tqis il-possibbiltà ta' kumpens għal kull żieda fil-limitu massimu għal intestatura waħda permezz tat-tnaqqis tal-limitu massimu għal intestatura oħra.

4. Kwalunkwe reviżjoni fil-qafas finanzjarju f'konformità mal-paragrafu 1 iżżomm relazzjoni xierqa bejn l-impenji u l-ħlasijiet.

5. L-aġġustamenti msemmija fl-Artikoli 3(2), 6, 7, 8, 10, 11**, 11a** u 16 jikkostitwixxu wkoll reviżjoni tal-qafas finanzjarju.

*Artikolu 10*

*Aġġustament tal-qafas finanazjarju f'każ ta' reviżjoni tat-Trattati*

F'każ li sseħħ reviżjoni tat-Trattati waqt il-perjodu kopert mill-qafas finanzjarju, l-implikazzjonijiet baġitarji eventwali jagħtu lok għall-aġġustamenti meħtieġa tal-qafas finanzjarju kif xieraq.

*Artikolu 11*

*Aġġustament tal-qafas finanzjarju f'każ ta' tkabbir ~~u ta' unifikazzjoni ta' Ċipru~~*

Jekk Stati Membri ġodda jissieħbu fl-Unjoni waqt il-perjodu kopert mill-qafas finanzjarju, il-qafas finanzjarju jiġi aġġustat biex jitqiesu l-ħtiġijiet tan-nefqa li jirriżultaw mill-eżitu tan-negozjati tal-adeżjoni.

***Artikolu 11a***

***Aġġustament tal-qafas finanzjarju f'każ ta' riunifikazzjoni ta' Ċipru***

F'każ ta' **ri**unifikazzjoni ta' Ċipru matul il-perjodu kopert mill-qafas finanzjarju, dan tal-aħħar għandu jiġi aġġustat sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-ftehim komprensiv dwar il-problema ta' Ċipru u l-ħtiġijiet finanzjarji addizzjonali li jirriżultaw mir-**ri**unifikazzjoni.

*Artikolu 12*

*Kooperazzjoni interistituzzjonali fil-proċedura baġitarja*

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni (minn hawn 'il quddiem "l-istituzzjonijiet") jieħdu kwalunkwe miżura biex jiffaċilitaw il-proċedura baġitarja annwali.

L-istituzzjonijiet jikkooperaw b'rieda tajba matul il-proċedura bil-ħsieb li jirrikonċiljaw il-pożizzjonijiet tagħhom. L-istituzzjonijiet jikkooperaw permezz ta' kuntatti interistituzzjonali xierqa biex isegwu l-progress tax-xogħol u janalizzaw il-grad ta' konverġenza fl-istadji kollha tal-proċedura.

L-istituzzjonijiet jiżguraw li l-kalendarji tax-xogħol rispettivi tagħhom ikunu kkoordinati kemm jista' jkun sabiex il-proċedimenti jkunu jistgħu jitwettqu b'mod koerenti u konverġenti, u li jwasslu għall-adozzjoni finali tal-baġit.

Jistgħu jiġu organizzati trilogi f'kull stadju tal-proċedura u f'livelli differenti tar-rappreżentazzjoni, skont in-natura tad-diskussjoni mistennija. Kull istituzzjoni, f'konformità mar-regoli ta' proċedura tagħha stess, taħtar il-parteċipanti tagħha għal kull laqgħa, tiddefinixxi l-mandat tagħha għan-negozjati u tinforma lill-istituzzjonijiet l-oħra bl-arranġamenti għal-laqgħat fi żmien adegwat.

*Artikolu 13*

*Il-finanzjament tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni*

L-ammont totali tan-nefqa operattiva tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (minn issa 'l quddiem "il-PESK") għandha tiddaħħal kollha kemm hi f'kapitolu wieħed tal-baġit, intitolat PESK. Dak l-ammont ikopri l-bżonnijiet reali prevedibbli, evalwati fil-qafas tal-elaborazzjoni tal-abbozz tal-baġit, fuq il-bażi ta' previżjonijiet imfassla kull sena mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, u jħalli marġini raġonevoli għall-azzjonijiet mhux previsti. L-ebda fondi ma jistgħu jiddaħħlu f'riżerva.

*Artikolu 14*

*Kontribuzzjoni għall-finanzjament ta' proġetti fuq skala kbira*

Ammont massimu ta' EUR 7 000 miljun fi prezzijiet tal-2011 ikun disponibbli għall-programmi Ewropej tan-navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo) mill-baġit tal-UE għall-perjodu 2014-2020.

*Artikolu 15*

*Valutazzjoni ta' nofs it-terminu tal-implimentazzjoni tal-qafas finanzjarju*

Fl-2016, il-Kummissjoni tippreżenta valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-qafas finanzjarju, flimkien ma' proposti relevanti fejn ikun neċessarju.

*Artikolu 16*

*Tranżizzjoni lejn il-qafas finanzjarju li jmiss*

Qabel l-1 ta’ Jannar 2018, il-Kummissjoni tippreżenta proposta għal qafas finanzjarju multiannwali ġdid.

Jekk ma jiġi adottat l-ebda regolament tal-Kunsill li jiddetermina qafas finanzjarju multiannwali ġdid qabel il-31 ta' Diċembru 2020, il-limiti massimi u d-dispożizzjonijiet l-oħra li jikkorrispondu mal-aħħar sena tal-qafas finanzjarju eżistenti jiġu estiżi sakemm jiġi adottat regolament li jiddetermina qafas finanzjarju ġdid. Jekk Stati Membri ġodda jissieħbu fl-Unjoni wara l-2020, il-qafas finanzjarju estiż jiġi aġġustat jekk meħtieġ, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni r-riżultati tan-negozjati tal-adeżjoni.

*Artikolu 17*

*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

# ANNESS

## Tabella Multiannwali tal-Qafas Finanzjarju (UE-28)

*(f'miljuni ta' EUR - prezzijiet tal-2011)*

| APPROPRJAZZJONIJIET GĦALL-IMPENJI | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | Total 2014-2020 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **1. Tkabbir intelliġenti u inklużiv** | **64.769** | **67.015** | **68.853** | **70.745** | **72.316** | **74.386** | **76.679** | **494.763** |
| li minnhom: Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 50.464 | 51.897 | 53.177 | 54.307 | 55.423 | 56.474 | 57.501 | 379.243 |
| **2. Tkabbir sostenibbli: Riżorsi naturali** | **57.845** | **57.005** | **56.190** | **55.357** | **54.357** | **53.371** | **52.348** | **386.472** |
| li minnhom: Nefqa relatata mas-suq u ħlasijiet diretti | 42.363 | 41.756 | 41.178 | 40.582 | 39.810 | 39.052 | 38.309 | 283.051 |
| **3. Sigurtà u Ċittadinanza** | **2.620** | **2.601** | **2.640** | **2.679** | **2.718** | **2.757** | **2.794** | **18.809** |
| **4. L-Ewropa fid-dinja** | **9.400** | **9.645** | **9.845** | **9.960** | **10.150** | **10.380** | **10.620** | **70.000** |
| **5. Amministrazzjoni** | **8.622** | **8.755** | **8.872** | **9.019** | **9.149** | **9.301** | **9.447** | **63.165** |
| li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet | 7.047 | 7.115 | 7.184 | 7.267 | 7.364 | 7.461 | 7.561 | 51.000 |
| **6. Kumpensi** | **27** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **27** |
| **APPROPRJAZZJONIJIET TOTALI GĦALL-IMPENJI** | **143.282** | **145.021** | **146.400** | **147.759** | **148.690** | **150.195** | **151.888** | **1.033.235** |
| bħala perċentwali tal-ING | 1,10% | 1,09% | 1,08% | 1,08% | 1,07% | 1,06% | 1,06% | 1,08% |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **APPROPRJAZZJONIJIET TOTALI GĦALL-ĦLASIJIET** | **133.976** | **141.175** | **144.126** | **138.776** | **146.870** | **144.321** | **138.356** | **987.599** |
| bħala perċentwali tal-ING | 1,03% | 1,06% | 1,06% | 1,01% | 1,06% | 1,02% | 0,96% | 1,03% |